

Brussell, 13 ta' Meju 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0076 (NLE)

7984/20
ADD 1

ACP 27
WTO 78
COAFR 137
RELEX 326

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Meju 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 192 final - ANNEX
Suġġett:	ANNEX għal Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim interim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) bejn il-Kosta tal-Avorju, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, rigward l-adozzjoni tal-proċeduri tar-riżoluzzjoni tat-tilwim u tal-kodiċi ta' kondotta tal-arbitri

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2020) 192 final - ANNEX.

Mehmuż: COM(2020) 192 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.5.2020
COM(2020) 192 final

ANNEX

ANNEX

għal

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim interim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) bejn il-Kosta tal-Avorju, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, rigward l-adozzjoni tal-proċeduri tar-risoluzzjoni tat-tilwim u tal-kodiċi ta' kondotta tal-arbitri

ABBOZZ TA'

DEĊIŻJONI Nru 1/2020 TAL-KUMITAT TAL-FSE
stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Kosta tal-Avorju, fuq naħa,
u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra,
ta' ...

li tadotta l-proċeduri ta' riżoluzzjoni tat-tilwim u l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Arbitri

IL-KUMITAT TAL-FSE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Kosta tal-Avorju, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem, "il-Ftehim"), iffirmit fi Brussell fis-26 ta' Novembru 2008 u applikat fuq bażi proviżorja mit-3 ta' Settembru 2016, u b'mod partikolari l-Artikolu 59(1) u l-Artikolu 73 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 59(1) tal-Ftehim jipprevedi li l-proċeduri previsti fil-Kapitolu 3 (Proċeduri għar-riżoluzzjoni ta' tilwim) tat-Titolu V (Prevenzjoni u riżoluzzjoni tat-tilwim) tal-Ftehim jkunu regolati mir-regoli ta' proċedura għar-riżoluzzjoni tat-tilwim li se jiġu adottati mill-Kumitat tal-FSE.
- (2) Skont l-Artikolu 73 tal-Ftehim imsemmi, għall-implimentazzjoni tiegħu, il-Kumitat tal-FSE huwa responsabbli mill-amministrazzjoni tal-oqsma kollha koperti mill-imsemmi Ftehim u mit-tweġġ tal-kompiti kollha msemmija fih.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-proċeduri għar-riżoluzzjoni tat-tilwim u l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Arbitri għandhom jiġu stabbiliti kif imniżżel fl-Anness.
2. Dawk il-proċeduri u l-Kodiċi ta' Kondotta għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe regola speċifika stabbilita fil-Ftehim jew li għandha tiġi adottata mill-Kumitat tal-FSE.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ dakinhar li tiġi ffirmata.

Magħmul fi [post], [data]

Għar-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju

Għall-Unjoni Ewropea

ANNEX

PROĊEDURA GĦAR-RIŻOLUZZJONI TAT-TILWIM

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dawn ir-regoli tal-proċedura, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

Konsulent : persuna fiżika magħżula minn Parti sabiex tagħti pariri jew tassisti lil dik il-Parti b'konnessjoni mal-proċedimenti ta' arbitraġġ;

Grupp speċjali ta' Arbitraġġ: bord indipendenti stabbilit skont l-Artikolu 50 tal-Ftehim;

Arbitru: membru ta' bord indipendenti ta' arbitraġġ stabbilit skont l-Artikolu 50 tal-Ftehim;

Assistent: persuna fiżika li, skont it-termini tal-ħatra ta' arbitru, twettaq riċerka jew tipprovdi assistenza lill-arbitru fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu;

Jum: jum kalendarju;

Jum mhux tax-xogħol: is-Sibtijiet, il-Ħdud u kull jum ieħor magħżul minn parti bħala jum tal-liv għall-finijiet ta' dawn ir-regoli;

Rappreżentant ta' parti: impjegat jew kwalunkwe persuna fiżika maħtura minn dipartiment jew aġenzija tal-gvern jew kwalunkwe entità pubblika oħra ta' parti li tirrappreżenta l-parti involuta fit-tilwima relatata ma' dan il-ftehim;

Parti konvenuta: il-parti li kontra tagħha hu allegat li qed tikser id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 46 tal-Ftehim;

Lmentatur: il-parti li titlob it-twaqqif ta' bord indipendenti ta' arbitraġġ skont l-Artikolu 49 tal-Ftehim.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness jikkomplementaw u jispeċifikaw il-Ftehim interim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Kosta tal-Avorju, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), b'mod partikolari l-Artikolu 49 tiegħu et seq. dwar l-arbitraġġ.
2. Dawn ir-regoli ta' proċedura huma maħsuba biex jippermettu lill-partijiet isolvu tilwim li jista' jinqala' bejniethom permezz ta' soluzzjoni reċiprokament sodisfaċenti permezz tal-mekkaniżmu ta' arbitraġġ.
3. Il-partijiet kollha jistgħu jirrikorru għal arbitraġġ fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn il-Kosta tal-Avorju, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, bil-ħsieb li jissolva kwalunkwe tilwim li jista' jinħoloq bejniethom.

Artikolu 3

Ftuħ ta' proċedimenti ta' arbitraġġ u notifikati

1. Il-proċedimenti ta' arbitraġġ għandhom jittqiesu li jkunu nbdew fid-data li fiha t-talba għall-istabiliment ta' bord indipendenti ta' arbitraġġ tiġi riċevuta mill-Parti konvenuta l-oħra u mill-Kumitat tal-FSE, skont l-Artikolu 49.2 tal-Ftehim.
2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regoli ta' proċedura, "notifika" tfisser kwalunkwe talba, avviż, sottomissjoni bil-miktub jew dokument ieħor marbut mal-proċedimenti ta' arbitraġġ, dment li:
 - (a) kwalunkwe notifika mill-bord indipendenti ta' arbitraġġ tintbagħat liż-żewġ partijiet fl-istess ħin;
 - (b) kwalunkwe notifika minn parti u indirizzata lill-bord indipendenti ta' arbitraġġ tintbagħat lill-parti l-oħra fl-istess ħin;
 - (c) kwalunkwe notifika minn parti u li tkun indirizzata lill-parti l-oħra tintbagħat, meta jkun il-każ, lill-bord indipendenti ta' arbitraġġ fl-istess ħin.
3. Kull notifika għandha ssir permezz tal-posta elettronika jew, meta jkun il-każ, b'kull mezz ieħor ta' telekomunikazzjoni li jipprovdri rekord li d-dokument ikun intbagħat. Sakemm ma jkunx ippruvat mod ieħor, in-notifika għandha titqies li tkun waslet fl-istess jum li tkun intbagħtet.
4. In-notifiki kollha għandhom ikunu indirizzati lid-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ tal-Kummissjoni Ewropea tal-Unjoni Ewropea u lill-koordinatur maħtur mill-Kosta tal-Avorju, rispettivament.
5. Żbalji żgħar ta' natura klerikali li jsiru fin-notifiki marbuta mal-proċedimenti ta' arbitraġġ jistgħu jiġu kkoreġuti permezz tal-kunsinna ta' notifika ġdida li tindika b'mod ċar il-modifiki li jkunu sarulha.
6. Jekk l-aħħar jum għall-preżentazzjoni ta' notifika jikkorrispondi għal jum mhux tax-xogħol għall-Parti tal-Kosta tal-Avorju jew għall-Unjoni Ewropea, in-notifika tista' ssir fil-jum tax-xogħol li jmiss. L-ebda notifika jew talba, tkun xi tkun in-natura tagħha, m'għandha titqies bħala riċevuta f'jum mhux tax-xogħol.
7. Skont in-natura tal-kwistjonijiet ikkontestati, għandhom jintbagħtu kopji tat-talbiet u tan-notifiki kollha indirizzati lill-Kumitat tal-FSE skont dawn ir-regoli ta' proċedura wkoll lill-korpi istituzzjonali l-oħra kkonċernati.

Artikolu 4

Ħatra tal-arbitri

1. Skont l-Artikolu 50 tal-Ftehim, meta arbitru jintgħażel bil-polza, il-President tal-Kumitat tal-FSE għandu bla dewmien jinforma lill-partijiet bid-data, bil-ħin u bil-post tal-polza.
2. Il-partijiet jistgħu jkunu preżenti waqt it-tluġħ bil-polza u din għandha ssir mal-partijiet li jkunu preżenti.
3. Il-president tal-Kumitat tal-FSE għandu jinforma bil-miktub lil kull persuna magħżula dwar il-ħatra tiegħu bħala arbitru. Kull individwu għandu jikkonferma d-disponibbiltà tiegħu liż-żewġ partijiet matul il-ħamest ijiem mid-data li fiha jkun ġie infurmat bil-ħatra tiegħu.
4. L-arbitri għandhom jintgħażlu bil-polza minn fost il-persuni proposti uffiċjalment minn waħda mill-partijiet jew mit-tnejn li huma, jekk il-lista tal-arbitri msemmija fl-

Artikolu 64 tal-Ftehim ma tkunx tfasslet jew ma jkunx fiha biżżejjed ismijiet fiż-żmien li fih issir it-talba skont l-Artikolu 50(2) tal-Ftehim.

Artikolu 5

Kollaborazzjoni bejn il-partijiet u l-bord indipendenti ta' arbitraġġ

1. Sakemm il-partijiet ma jiftiehmux mod ieħor, huma għandhom jiltaqgħu mal-bord indipendenti ta' arbitraġġ fi żmien sebat ijiem mit-twaqqif tiegħu biex jistabbilixxu l-kwistjonijiet li l-partijiet jew il-bord indipendenti ta' arbitraġġ iqisu xierqa, inklużi:
 - (a) ir-rimunerazzjoni u l-ispejjeż li għandhom jitħallsu lill-arbitri, li għandhom ikunu skont l-istandards tad-WTO;
 - (b) ir-rimunerazzjoni tal-assistent ta' kull arbitru, li l-ammont totali tiegħu ma għandux jaqbeż il-50 fil-mija tar-remunerazzjoni totali ta' dak l-arbitru;
 - (c) is-skeda ta' żmien tal-proċedimenti.
2. L-arbitri u r-rappreżentanti tal-partijiet jistgħu jieħdu sehem f'din il-laqgħa permezz tat-telefon jew ta' konferenza awdjoviżiva.
3. Sakemm il-partijiet ma jiftiehmux mod ieħor fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mid-data tat-twaqqif tal-bord indipendenti ta' arbitraġġ, it-termini ta' referenza tal-bord indipendenti ta' arbitraġġ għandhom ikunu:

“li jeżamina, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim, il-kwistjoni msemmija fit-talba għat-twaqqif tal-Bord ta' Arbitraġġ, li jiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà tal-miżura inkwistjoni mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 46 tal-Ftehim u li jieħu deċiżjoni skont l-Artikoli 52, 62 u 63 tal-Ftehim.”
4. Il-partijiet għandhom jinnotifikaw it-termini ta' referenza miftiehma lill-bord indipendenti ta' arbitraġġ fi żmien tliet ijiem tax-xogħol mill-ftehim tagħhom dwar it-termini ta' referenza.

Artikolu 6

Sottomissjonijiet bil-miktub

L-ilmentatur għandu jippreżenta s-sottomissjoni inizjali tiegħu bil-miktub mhux aktar tard minn għoxrin jum mid-data tat-twaqqif tal-Grupp speċjali ta' arbitraġġ. Il-Parti konvenuta għandha tagħti l-kontrosottomissjoni tagħha bil-miktub mhux aktar tard minn għoxrin jum wara d-data tat-twassil tas-sottomissjoni bil-miktub inizjali.

Artikolu 7

Il-ħidma tal-bordijiet tal-arbitraġġ

1. Il-president tal-Bord ta' Arbitraġġ għandu jippresjedi fil-laqgħat kollha. Bord ta' arbitraġġ jista' jiddelega lill-president is-setgħa li jieħu deċiżjonijiet amministrattivi u proċedurali fil-qasam ikkonċernat.
2. F'konformità mal-Artikolu 9 ta' dawn ir-regoli ta' proċedura, l-arbitri u l-persuni msejja għandhom jidhru personalment għas-seduti ta' smiġh. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-Ftehim jew f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura u mingħajr preġudizzju għall-punt 5 tal-Artikolu 9 ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura, il-bord ta'

arbitraġġ jista' jwettaq l-attivitajiet tiegħu bit-telefon, bil-faks jew bi kwalunkwe mezz ieħor inkluż b'mezzi elettroniċi tal-informatika.

3. L-arbitri biss jistgħu jieħdu sehem fid-deliberazzjonijiet tal-Bord ta' Arbitraġġ, iżda l-Bord ta' Arbitraġġ jista' jippermetti lill-assistenti tiegħu jkunu preżenti waqt id-deliberazzjonijiet tiegħu.
4. L-abbozzar ta' kwalunkwe deċiżjoni għandu jkun ir-responsabilità esklużiva tal-bord indipendenti ta' arbitraġġ u ma jistax ikun iddelegat.
5. Is-sejbiet, id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-bord indipendenti ta' arbitraġġ imsemmija fl-Artikoli 51 u 52 tal-Ftehim, sa fejn ikun possibbli, għandhom jittieħdu b'kunsens reċiproku; jekk ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens, allura dawn jittieħdu b'maġġoranza tal-membri tiegħu. L-arbitri ma jistgħux joħroġu opinjonijiet separati dwar kwistjonijiet mhux miftiehma b'mod unanimu.
6. Meta tinqala' kwistjoni proċedurali li ma tkunx koperta mid-dispożizzjonijiet tat-Titolu V tal-Ftehim (Prevenzjoni u riżoluzzjoni tat-tilwim), il-bord indipendenti ta' arbitraġġ, wara konsultazzjoni mal-partijiet, jista' jadotta proċedura xierqa li hija kompatibbli mal-provvedimenti u li tiżgura trattament ugwali bejn il-partijiet.
7. Il-bord indipendenti ta' arbitraġġ jinnotifika lill-partijiet bil-miktub ir-raġunijiet għaliex il-modifika jew l-aġġustament saret u dwar it-terminu jew l-aġġustament meħtieġ, jekk iqis li hu meħtieġ li jiġi emendat wieħed mit-termini tal-proċediment minbarra t-termini stabbiliti fit-Titolu V tal-Ftehim (Prevenzjoni u riżoluzzjoni tat-tilwim) jew li jiġi pprovdut kwalunkwe aġġustament proċedurali jew amministrattiv ieħor. Il-bord indipendenti ta' arbitraġġ jista' jadotta modifika jew aġġustament ta' din ix-xorta wara li jkun ikkonsulta mal-partijiet.
8. Kwalunkwe terminu stabbilit f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura jista' jiġi modifikat b'kunsens reċiproku tal-partijiet. B'talba ta' parti, il-bord indipendenti tal-arbitraġġ jista' jimmodifika t-termini applikabbli fl-ambitu tal-proċedimenti.
9. Fuq it-talba konġunta tal-partijiet, il-bord indipendenti tal-arbitraġġ għandu jissospendi l-proċedimenti f'kull ħin għal perjodu miftiehem mill-partijiet li ma jaqbiżx tnax-il xahar konsekuttiv.
10. F'każ ta' sospensjoni, il-limiti ta' żmien rilevanti għandhom jiġu estiżi biż-żmien li jikkorrispondi għall-perjodu li fih il-proċedimenti quddiem il-bord indipendenti ta' arbitraġġ jkunu ġew sospiżi. Il-bord indipendenti ta' arbitraġġ għandu jerġa' jibda l-proċedimenti fi kwalunkwe ħin fuq talba konġunta bil-miktub mill-partijiet, jew fi tmiem il-perjodu miftiehem ta' sospensjoni fuq talba bil-miktub ta' waħda mill-partijiet. It-talba għandha tiġi nnotifikata lill-president tal-bord indipendenti ta' arbitraġġ u lill-parti l-oħra, jekk ikun il-każ. Jekk il-proċedimenti quddiem il-bord indipendenti ta' arbitraġġ ikunu ġew sospiżi għal aktar minn tnax-il xahar konsekuttivi, is-setgħa mogħtija għat-twaqqif tal-bord indipendenti ta' arbitraġġ għandha tiskadi u l-proċedimenti tal-bord indipendenti ta' arbitraġġ għandhom jintemmu. Il-partijiet jistgħu jiftieħmu fi kwalunkwe ħin li jtemmu l-proċedimenti quddiem il-bord indipendenti ta' arbitraġġ. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw dan il-ftehim b'mod konġunt lill-president tal-bord indipendenti ta' arbitraġġ.
11. It-tmiem tal-ħidma tal-bord indipendenti ta' arbitraġġ ikun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-partijiet fi kwalunkwe proċediment ieħor dwar l-istess kwistjoni skont it-Titolu V tal-Ftehim (Prevenzjoni u riżoluzzjoni tat-Tilwim).

Artikolu 8

Sostituzzjoni

1. Jekk arbitru ma jkunx jista' jipparteċipa fil-proċedimenti, jirtira ruħu jew ikollu jiġi sostitwit, għandu jintgħażel sostitut f'konformità mal-Artikolu 50 tal-Ftehim.
2. Meta parti tqis li arbitru ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-kodiċi ta' kondotta u li għalhekk għandu jiġi sostitwit, dik il-parti għandha tinnotifika lill-parti l-oħra fi żmien ħmistax-il jum mid-data minn meta saret taf biċ-ċirkostanzi stabbiliti għall-allegat nuqqas ta' konformità min-naħa tal-arbitru mal-imsemmi kodiċi ta' kondotta.
3. Il-partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin fi żmien ħmistax-il jum wara d-data tan-notifika msemmija fil-paragrafu 2. Il-partijiet għandhom jinfurmaw lill-arbitru bl-allegat nuqqas ta' konformità tiegħu u jistgħu jitolbuh jieħu l-passi biex jirrimedja għalih. Huma jistgħu wkoll, jekk jaqblu fuq hekk, ineħħu lill-arbitru u jagħżlu arbitru ġdid skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 50(2), u jekk ikun il-każ, skont l-Artikolu 50(3) tal-Ftehim.
4. Jekk il-partijiet ma jirnexxilhomx jaqblu dwar il-bżonn li jinbidel arbitru, minbarra l-President, kwalunkwe Parti tista' titlob li din il-kwistjoni tiġi riferuta lill-president tal-bord indipendenti ta' arbitraġġ, u d-deċiżjoni tiegħu tkun waħda finali.
5. Jekk, kif mitlub, il-president jikkonkludi li arbitru ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-kodiċi ta' kondotta tal-arbitri, għandu jintgħażel arbitru ġdid f'konformità mal-Artikolu 50(3) tal-Ftehim.
6. Meta parti tqis li l-president tal-bord tal-arbitraġġ ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-Arbitri, il-partijiet għandhom jikkonsultaw ma' xulxin u, jekk jaqblu dwar dan, ikeċċu l-president u jagħżlu sostitut skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 50 tal-Ftehim.
7. Jekk il-partijiet ma jirnexxilhomx jaqblu bejniethom dwar il-ħtieġa li jibdlu l-president, kwalunkwe parti tista' titlob li din il-kwistjoni tingħadda lil xi wieħed mill-membri li jkun fadal fil-lista ta' individwi magħżula biex jaġixxu bħala president tal-bord indipendenti ta' arbitraġġ stabbilita skont l-Artikolu 64 tal-Ftehim. Ismu/isimha għandu jittella' bix-xorti mill-president tal-Kumitat tal-FSE. Il-persuna magħżula b'dan il-mod għandha tiddeċiedi jekk il-president jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-Arbitri. Id-deċiżjoni tiegħu għandha tkun waħda finali.
8. Jekk jiġi deċiż li l-President ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-kodiċi ta' kondotta tal-arbitri, il-President il-ġdid għandu jintgħażel skont l-Artikolu 50(3) tal-Ftehim.

Artikolu 9

Seduti

1. Skont l-iskeda determinata taħt l-Artikolu 5(1), u wara li jikkonsulta mal-Partijiet u l-arbitri l-oħra, il-president tal-grupp speċjali ta' arbitraġġ għandu jinnotifika lill-Partijiet dwar id-data, il-ħin u l-post tas-seduta ta' smiġh. Il-parti inkarigata mill-amministrazzjoni loġistika tal-proċedimenti għandha tqiegħed din l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, suġġett għall-Artikolu 11.
2. Sakemm il-partijiet ma jaqblux mod ieħor, is-seduta ta' smiġh għandha ssir fi Brussell jekk l-ilmentatur tkun il-Parti tal-Kosta tal-Avorju u f'Abidjan jekk l-ilmentatur tkun l-Unjoni Ewropea.

3. Il-bord indipendenti ta' arbitraġġ jista' jsejjaħ seduti addizzjonali jekk il-partijiet jaqblu dwar dan.
4. L-arbitri kollha għandhom ikunu preżenti matul is-seduta ta' smiġħ kollha.
5. Il-persuni li ġejjin jistgħu jkunu preżenti għas-seduta ta' smiġħ, irrispettivament minn jekk il-proċedimenti jkunux miftuħin għall-pubbliku jew le:
 - (a) ir-rappreżentanti tal-partijiet;
 - (b) il-konsulenti tal-partijiet;
 - (c) il-persunal amministrattiv, l-interpreti, it-tradutturi u l-korrispondenti tal-qrati;
 - (d) l-assistenti tal-arbitri;
 - (e) l-esperti magħżula mill-grupp speċjali ta' arbitraġġ f'konformità mal-Artikolu 60 tal-Ftehim.
6. Mhux aktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol qabel id-data ta' seduta ta' smiġħ, kwalunkwe parti għandha tagħti lill-bord indipendenti ta' arbitraġġ u lill-parti l-oħra lista bl-ismijiet ta' dawk il-persuni fiżiċi li se jagħmlu argumenti jew preżentazzjonijiet orali matul is-smiġħ ta' seduta f'isem dik il-parti, kif ukoll ta' rappreżentanti u konsulenti oħra li se jattendu s-seduta ta' smiġħ.
7. Il-bord indipendenti ta' arbitraġġ għandu jmexxi s-seduta b'dan il-mod, filwaqt li jiżgura li l-ilmentatur u l-parti konvenuta jingħataw l-istess ħin biex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom:

Argumenti

- (a) l-argument tal-ilmentatur;
- (b) l-argument tal-parti konvenuta.

Il-kontroargumenti

- (a) ir-replika tal-ilmentatur;
- (b) il-kontrorisposta tal-parti konvenuta.

8. Il-bord indipendenti ta' arbitraġġ jista' jindirizza direttament mistoqsijiet liż-żewġ partijiet fi kwalunkwe ħin matul is-seduta.
9. Il-bord indipendenti ta' arbitraġġ għandu jagħmel l-arranġamenti meħtieġa għat-traskrizzjoni fi proċès-verbal tas-seduta u għat-trasmissjoni tiegħu lill-partijiet f'terminu ta' ħmistax-il jum wara s-seduta. Il-partijiet jistgħu jikkummentaw dwar it-traskrizzjoni, u l-bord indipendenti ta' arbitraġġ jista' jikkunsidra dawk il-kummenti, fil-ħamest ijiem wara t-trasmissjoni tad-dokument.
10. Kull parti tista' tibgħat lill-arbitri u lill-parti l-oħra sottomissjoni supplimentari bil-miktub li tikkonċerna kwalunkwe kwistjoni li qamet matul is-seduta ta' smiġħ fi żmien għaxart ijiem mid-data tas-seduta ta' smiġħ.

Artikolu 10

Mistoqsijiet bil-miktub

1. Il-bord indipendenti tal-arbitraġġ jista' fi kwalunkwe ħin matul il-proċedimenti jindirizza mistoqsijiet bil-miktub lil waħda mill-partijiet jew lit-tnejn li huma. Kull waħda mill-partijiet għandha tirċievi kopja ta' kwalunkwe mistoqsija magħmula mill-bord indipendenti ta' arbitraġġ.

2. Kull parti għandha wkoll tipprovi lill-parti l-oħra kopja tat-tweġiba tagħha bil-miktub għall-mistoqsijiet tal-bord indipendenti ta' arbitraġġ. Kull parti għandha l-opportunità li tipprovi kummenti bil-miktub dwar it-tweġiba mogħtija mill-parti l-oħra sa ħamest ijiem tax-xogħol wara l-imsemmija tweġiba.

Artikolu 11

Trasparenza u kunfidenzjalità

1. Kull parti u l-bord indipendenti ta' arbitraġġ għandhom jiżguraw li jiggarrantixxu l-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe informazzjoni ppreżentata mill-parti l-oħra lill-bord indipendenti ta' arbitraġġ u li din il-parti tkun indikat bħala kunfidenzjali. Il-parti li tippreżenta lill-bord indipendenti ta' arbitraġġ sottomissjoni li tkun tinkludi informazzjoni kunfidenzjali għandha tipprovi wkoll, fi żmien ħmistax-il jum mill-preżentazzjoni ta' din is-sottomissjoni, verżjoni mhux kunfidenzjali tas-sottomissjoni li tista' tiġi żvelata lill-pubbliku.
2. Xejn f'dawn ir-regoli ta' proċedura ma jipprekludi parti milli tikkomunika l-pożizzjonijiet tagħha lill-pubbliku safejn, meta hija tirreferi għal informazzjoni mressqa mill-parti l-oħra, ma tikxifx informazzjoni kwalifikata mill-parti l-oħra bħala kunfidenzjali.
3. Il-bord indipendenti ta' arbitraġġ għandu jiltaqa' *in camera* meta s-sottomissjoni u l-argumenti ta' parti jkun fihom informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali. Il-partijiet għandhom iżommu l-kunfidenzjalità tas-seduti ta' smiġh tal-bord indipendenti ta' arbitraġġ meta dawn jinżammu *in camera*.

Artikolu 12

Kuntatti *ex parte*

1. Il-bord indipendenti ta' arbitraġġ ma għandux jikkuntattja jew jiltaqa' ma' parti fl-assenza tal-parti l-oħra.
2. L-ebda arbitru ma għandu jiddiskuti ebda aspett tal-kontenut tal-proċedimenti ma' parti jew mal-partijiet fin-nuqqas tal-arbitri l-oħra.

Artikolu 13

Sottomissjonijiet *amicus curiae*

1. Il-persuni mhux governattivi stabbiliti fit-territorju ta' parti jistgħu jippreżentaw osservazzjonijiet *amicus curiae* lill-bord indipendenti ta' arbitraġġ skont il-paragrafi 2 sa 5.
2. Ħlief jekk il-partijiet ma jkunux qablu mod ieħor sa ħamest ijiem mid-data tat-twaqqif tal-bord indipendenti ta' arbitraġġ, dan tal-aħħar jista' jirċievi sottomissjonijiet bil-miktub mhux mitluba, sakemm dawn isiru fi żmien għaxart ijiem mid-data tat-twaqqif tal-bord indipendenti ta' arbitraġġ, ikunu direttament rilevanti għall-kwistjoni eżaminata mill-bord indipendenti ta' arbitraġġ u li f'ebda każ dawn is-sottomissjonijiet, inklużi l-annessi tagħhom, ma jkunú itwal minn ħmistax-il faċċata ttajpjata.
3. Kwalunkwe sottomissjoni għandha tinkludi deskrizzjoni tal-persuna li tkun qiegħda tagħmel is-sottomissjoni, sew fiżika u sew ġuridika, u tinkludi n-natura tal-attivitajiet ta' dik il-persuna u s-sors tal-finanzjament ta' dik il-persuna, u tispeċifika n-natura

tal-interess li dik l-istess persuna għandha fil-proċedimenti tal-arbitraġġ. Is-sottomissjoni għandha tinkiteb bil-lingwi magħżula mill-partijiet, f'konformità mal-Artikoli 16(1) u 16(2) ta' dawn ir-regoli ta' proċedura.

4. Kwalunkwe sottomissjoni għandha tiġi nnotifikata lill-partijiet involuti fit-tilwima għall-kummenti tagħhom. Il-Partijiet jistgħu jibagħtu l-kummenti tagħhom, fi żmien għaxart ijiem mid-data tat-trażmissjoni tas-sottomissjoni, lill-bord indipendenti ta' arbitraġġ.
5. Fid-deċiżjoni tiegħu, il-bord indipendenti ta' arbitraġġ għandu jelenka s-sottomissjonijiet kollha li jkun irċieva u li jkunu konformi ma' dawn ir-regoli ta' proċedura. Il-bord indipendenti ta' arbitraġġ ma għandux ikun obligat jindirizza, fid-deċiżjoni tiegħu, l-argumenti li saru f'dawn is-sottomissjonijiet. Il-bord indipendenti ta' arbitraġġ għandu jippreżenta lill-partijiet għall-kummenti tagħhom kwalunkwe sottomissjoni li huwa jirċievi.

Artikolu 14

Każijiet urġenti

Fil-każijiet ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 52(2) tal-Ftehim, il-bord indipendenti ta' arbitraġġ, wara li jkun ikkonsulta mal-partijiet, għandu jaġġusta t-termini previsti f'dawn ir-regoli ta' proċedura skont kif jidhirlu xieraq u għandu jinnotifika lill-partijiet dwar dawn l-aġġustamenti.

Artikolu 15

Spejjeż

1. Kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha ta' parteċipazzjoni fil-proċedimenti ta' arbitraġġ.
2. Il-parti konvenuta għandha tkun inkarigata mill-amministrazzjoni loġistika tal-proċedimenti ta' arbitraġġ, b'mod partikolari l-organizzazzjoni ta' seduti ta' smiġh, u għandha tħallas l-ispejjeż kollha li jirriżultaw mill-amministrazzjoni loġistika tas-seduta ta' smiġh. Madankollu, il-partijiet għandhom b'mod konġunt u b'mod indaqs iħallsu l-ispejjeż amministrattivi oħra tal-proċedimenti ta' arbitraġġ kif ukoll ir-reunerazzjoni u l-ispejjeż tal-arbitri u r-reunerazzjoni tal-assistenti tagħhom.

Artikolu 16

Lingwa ta' ħidma għall-proċediment, għat-traduzzjoni u għall-interpretazzjoni

1. Matul il-konsultazzjonijiet previsti fl-Artikolu 50(2) tal-Ftehim, u mhux aktar tard mil-laqgħa prevista fl-Artikolu 5(1) ta' dawn ir-regoli ta' proċedura, il-partijiet għandhom jagħmlu li jistgħu sabiex jilhqnu qbil fuq lingwa ta' ħidma komuni għall-proċedimenti quddiem il-bord indipendenti ta' arbitraġġ.
2. Jekk il-partijiet ma jirnexx ilhomx jaqblu dwar lingwa ta' ħidma komuni, kull parti għandha tipprovdi t-traduzzjoni tas-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha fil-lingwa magħżula mill-parti l-oħra, ħliel fil-każ ta' sottomissjonijiet bil-miktub f'waħda mil-lingwi ta' ħidma tad-WTO. Il-parti konvenuta għandha tagħmel l-arranġamenti għall-interpretazzjoni tas-sottomissjonijiet orali fil-lingwi magħżula mill-partijiet.
3. Ir-rapporti u d-deċiżjonijiet tal-bord indipendenti ta' arbitraġġ jiġu redatti fil-lingwi magħżula mill-partijiet. Jekk il-partijiet ma jkunux qablu dwar lingwa ta' ħidma

komuni, ir-rapport interim u r-rapport finali tal-bord indipendenti ta' arbitraġġ għandhom jinħarġu f'waħda mil-lingwi ta' ħidma tad-WTO.

4. L-ispejjeż kollha li jirriżultaw mit-traduzzjoni ta' deċiżjoni tal-bord indipendenti ta' arbitraġġ fil-lingwi magħżula mill-partijiet għandhom jinqasmod b'mod indaqs bejn il-partijiet.
5. Parti tista' tipprovdi kummenti dwar l-akkuratezza ta' kwalunkwe verżjoni tradotta ta' dokument imfassal f'konformità ma' dawn ir-regoli ta' proċedura.
6. Kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tat-traduzzjoni tas-sottomissjonijiet miktuba tagħha. L-ispejjeż li jirriżultaw mit-traduzzjoni ta' deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ jinqasmod b'mod indaqs bejn il-partijiet.

Artikolu 17

Kalkolu tat-termini

It-termini kollha stabbiliti fit-Titolu V (Prevenzjoni u riżoluzzjoni ta' Tilwim) tal-Ftehim u f'dawn ir-regoli ta' proċedura, inklużi t-termini imposti fuq il-bordijiet indipendenti ta' arbitraġġ għan-notifika tad-deċiżjonijiet tagħhom, jistgħu jiġu emendati b'kunsens reċiproku tal-partijiet, u għandhom jinġaddu f'jiem kalendarji mill-jum li jsegwi l-att jew il-fatt li għalih jirreferu, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Artikolu 18

Proċeduri oħra

It-termini stabbiliti f'dawn ir-regoli ta' proċedura għandhom jiġu aġġustati skont it-termini speċjali previsti għall-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-bord indipendenti ta' arbitraġġ fil-proċedimenti skont l-Artikoli 54 sa 57 tal-Ftehim.

Anness għall-proċedura għar-riżoluzzjoni tat-tilwim

KODIĊI TAL-KONDOTTA TAL-ARBITRI

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta:

- **“arbitru”** tfisser: membru ta' bord indipendenti ta' arbitraġġ stabbilit skont l-Artikolu 50 tal-Ftehim;
- **“assistent”** tfisser: persuna fiżika li, skont it-termini tal-ħatra ta' arbitru, twettaq riċerka jew tipprovdi assistenza lill-arbitru fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu;
- **“kandidat”** tfisser: individwu li ismu jkun fuq il-lista tal-arbitri msemmija fl-Artikolu 64 tal-Ftehim u li jkun ikkunsidrat għall-għażla bħala arbitru skont l-Artikolu 50 tal-Ftehim;
- **“medjatur”** tfisser: persuna fiżika li tmexxi medjazzjoni f'konformità mal-Artikolu 48 tal-Ftehim;
- **“persunal”** tinkludi: fir-rigward ta' arbitru, il-persuni fiżiċi taħt id-direzzjoni u l-kontroll tal-arbitru, minbarra l-assistenti.

Artikolu 2

Prinċipji bażiċi

1. Sabiex jinżammu l-integrità u l-imparzjalità tal-mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni tat-tilwim, kull kandidat u kull arbitru għandu:
 - (a) jiffamiljarizza ruħu ma' dan il-Kodiċi ta' Kondotta;
 - (b) ikun indipendenti u imparzjali;
 - (c) jevita kunflitti ta' interessi diretti jew indiretti;
 - (d) jevita kondotta li tonqos mill-etika u kull azzjoni li tagħti l-impressjoni ta' kondotta li tonqos mill-etika jew mill-obbligu tal-imparzjalità;
 - (e) josserva standards għolja ta' kondotta; u
 - (f) ma jkunx influwenzat mill-interess personali, pressjoni esterna, kunsiderazzjonijiet politiċi, fama pubblika, lealtà lejn xi parti jew biża' mill-kritika.
2. Arbitru ma għandux jidħol, direttament jew indirettament, għal obbligi jew jaċċetta kwalunkwe benefiċċju li jista' bi kwalunkwe mod ifixkel, jew jidher li jfixkel, it-tweqqi xieraq ta' dmirijietu.
3. Arbitru ma għandux juża l-funzjonijiet tiegħu fil-bord indipendenti ta' arbitraġġ biex iservi l-interessi personali jew dawk privati. Arbitru għandu jevita kull azzjoni li tista' tagħti l-impressjoni li xi persuni oħrajn ikunu f'pożizzjoni li jinfluwenzawh.
4. Arbitru ma għandux iħalli relazzjonijiet jew responsabbiltajiet finanzjarji, kummerċjali, professjonali, personali jew soċjali, passati jew preżenti, jinfluwenzaw il-kondotta jew ġudizzju tiegħu.

5. Arbitru għandu jevita li jidħol fi kwalunkwe relazzjoni jew li jakkwista kwalunkwe interess finanzjarju li x'aktarx jaffettwa l-imparzjalità tiegħu jew li jista' raġonevolment jagħti l-impressjoni ta' kondotta li tonqos mill-etika jew mill-obbligu tal-imparzjalità.

Artikolu 3

Obbligi ta' divulgazzjoni

1. Qabel ma tkun ikkonfermata l-għażla ta' kandidat bħala arbitru skont l-Artikolu 50 tal-Ftehim, huwa għandu jiddikjara kull interess, relazzjoni jew kwistjoni li jistgħu jinçidu fuq l-indipendenza jew l-imparzjalità tiegħu, jew li jistgħu raġonevolment jagħtu l-impressjoni ta' kondotta li tonqos mill-etika jew mill-obbligu tal-imparzjalità fil-kors tal-proċedimenti.
2. Għal dan il-għan, kandidat għandu jagħmel l-isforzi kollha possibbli biex isir konxju ta' tali interessi, relazzjonijiet u kwistjonijiet, inklużi dawk ta' natura finanzjarja, professjonali, jew dawk marbuta max-xogħol jew mal-familja tiegħu.
3. Billi l-obbligu ta' divulgazzjoni previst fil-kuntest tal-paragrafu 1 huwa dmir permanenti, kull arbitru jrid jiddivulga tali interessi, relazzjonijiet u kwistjonijiet li jistgħu jiffaċċaw matul kwalunkwe stadju tal-proċedimenti.
4. Kandidat jew arbitru għandhom jikkomunikaw lill-Kumitat tal-EPA, għall-kunsiderazzjoni mill-Partijiet, kull kwistjoni li tikkonċerna ksur reali jew potenzjali ta' dan il-kodiċi ta' kondotta fl-iqsar żmien possibbli wara li huwa jsir konxju minnhom.

Artikolu 4

Funzjonijiet tal-arbitri

1. Wara li jkun aċċetta l-ħatra tiegħu, arbitru għandu jkun disponibbli sabiex iwettaq id-dmirijiet tiegħu jew tagħha b'mod sħiħ u bla dewmien matul il-kors tal-proċedimenti, u b'mod ġust u diliġenti.
2. Arbitru għandu jikkunsidra biss dawk il-kwistjonijiet li jkunu tqajmu waqt il-proċedimenti u li jitqiesu bħala meħtieġa biex tittieħed deċiżjoni u ma għandux jiddelega dan id-dmir lil ebda persuna oħra.
3. Arbitru għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa biex jiżgura li l-assistent u l-persunal tiegħu jafu bl-Artikoli 2, 3, 4 u 6 ta' dan il-kodiċi ta' kondotta u li jkunu konformi miegħu.

Artikolu 5

Obbligi ta' eks arbitri

L-arbitri preċedenti kollha jridu jevitaw azzjonijiet li jistgħu jagħtu impressjoni li kienu ppreġudikati fit-twettiq ta' dmirijiethom jew li bbenefikaw mid-deċiżjonijiet tal-bord indipendenti ta' arbitraġġ.

Artikolu 6

Kunfidenzjalità

1. L-arbitri jew eks arbitri fl-ebda mument ma għandhom jiżvelaw jew jużaw xi informazzjoni mhux pubblika li tikkonċerna proċedimenti jew li tkun miksuba waqt proċedimenti, ħlief għall-finijiet ta' dawk il-proċedimenti, u fl-ebda każ ma għandhom jiżvelaw jew jużaw dan it-tip ta' informazzjoni biex jiksbu vantaġġ personali jew vantaġġ għal oħrajn jew biex jippreġudikaw l-interessi ta' oħrajn.
2. Arbitru ma għandux jiżvela deċiżjoni tal-Bord ta' Arbitraġġ jew partijiet minnha qabel ma tiġi ppubblikata b'konformità mal-Artikolu 63 tal-Ftehim.
3. Arbitru jew eks arbitru ma għandu fl-ebda mument jiżvela d-deliberazzjonijiet tal-bord indipendenti ta' arbitraġġ jew il-fehma ta' xi membru.

Artikolu 7

Spejjeż

Kull arbitru għandu jżomm rekord tal-ħin iddedikat għall-proċedimenti u l-ispejjeż tiegħu, kif ukoll iż-żmien użat u l-ispejjeż magħmula mill-assistent tiegħu, u jagħti rendikont finali lill-partijiet.

Artikolu 8

Medjaturi

Dan il-Kodiċi ta' Kondotta għandu japplika għall-medjaturi *mutatis mutandis*.
